KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fid-9 ta' Jannar 2025 [1]

Kawża C-665/23

IL
vs
Veracash SAS

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Servizzi ta' ħlas fis-suq intern — Direttiva 2007/64/KE — Tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati — Notifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati — Terminu ta' notifikazzjoni — Dewmien fin-notifikazzjoni mhux intenzjonat jew li jirriżulta minn negliġenza serja — Obbligu tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas li joħroġ rimbors — Responsabbiltà ta' min iħallas għat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati"

I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża tirrigwarda ċerti aspetti tar-responsabbiltà minħabba tranżazzjonijiet mhux awtorizzati stabbilita fid-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE [2]. Tqajjem il-kwistjoni dwar l-interrelazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li jirregolaw, b'mod iktar partikolari, l-obbligu ta' min iħallas li jinnotifika mingħajr dewmien bla bżonn kull tranżazzjoni mhux awtorizzata u l-konsegwenzi talli jonqos milli jagħmel dan, meta t-tranżazzjoni mhux awtorizzata tirriżulta mill-użu mhux awtorizzat ta' strument ta' ħlas. Wara s-sentenza tagħha CRCAM [3], din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità oħra sabiex tesplora l-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn l-interessi ta' min iħallas u dawk tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1, u r-rettifika fil-ĠU 2009, L 187, p. 5). Din tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU 2015, L 337, p. 35, u r-rettifika fil-ĠU 2018, L 102, p. 97). Fid-dawl tal-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali u kif tindika wkoll il-qorti tar-rinviju, din il-kawża hija rregolata mid-Direttiva 2007/64.

[3] Sentenza tat-2 ta' Settembru 2021 (C-337/20, EU:C:2021:671; iktar 'il quddiem is-"sentenza CRCAM").

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

2. L-Artikolu 56 tad-Direttiva 2007/64, intitolat "Obbligi ta' l-utent ta' sevizzi tal-ħlas fir-rigward ta' strumenti tal-ħlas", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-utent ta' sevizzi tal-ħlas intitolat li juża strument tal-ħlas għandu jirrispetta l-obbligi li ġejjin:

(a) li juża l-istrument tal-ħlas skond il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ u l-użu ta' l-istrument tal-ħlas; u

(b) li jgħarraf lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, jew lill-entità speċifikata minn dan ta' l-aħħar, mingħajr dewmien bla bżonn wara li jinduna bit-telf, serq jew miżapproprjazzjoni ta' l-istrument tal-ħlas jew bl-użu mhux awtorizzat tiegħu".

3. Skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64, intitolat "Notifika ta' transazzjonjiet ta' ħlas eżegwita mingħajr awtorizzazzjoni jew imwettqa skorrettament":

"L-utent ta' sevizzi tal-ħlas għandu jikseb rettifika mingħand il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas biss jekk jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas mingħajr dewmien bla bżonn malli jsir konxju ta' kwalunkwe transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata jew eżegwita skorrettament li tirriżulta fi pretensjoni, inkluża dik taħt l-Artikolu 75, u mhux aktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu, sakemm, fejn applikabbli, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ikun naqas milli jipprovdi jew jagħamel disponibbli l-informazzjoni dwar dik it-transazzjoni ta' ħlas skond it-Titolu III".

4. L-Artikolu 60 tad-Direttiva 2007/64, intitolat "Responsabbiltà tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas f'każ ta' telf għal transazzjonjiet ta' ħlas mhux awtorizzati", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 58, fil-każ ta' transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas jagħti lura immedjatament lil min iħallas l-ammont tat-transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata u, fejn applikabbli, jerġa' jġib il-kont tal-ħlas iddebitat għall-istat li fih kien ikun li kieku ma seħħitx it-transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata".

5. L-Artikolu 61 tad-Direttiva 2007/64, intitolat "Responsabbiltà ta' min iħallas għal transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata", jipprovdi:

"1. B'deroga mill-Artikolu 60, min iħallas għandu jġorr it-telf relatat ma' kwalunkwe transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, sa massimu ta' EUR 150, li jirriżulta mill-użu ta' strument tal-ħlas mitluf jew misruq jew, jekk min iħallas naqas milli jħares il-karatteristiċi personalizzati tas-sigurtà, mill-misapprorjazzjoni ta' strument tal-ħlas.

2. Min iħallas għandu jġorr it-telf kollu li jirrigwardaw transazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati jekk hu jkun ġarrabhom b'aġir frodulenti jew billi jkun naqas milli jissodisfa obbligu jew obbligi taħt l-Artikolu 56 b'intenzjoni jew bi traskuraġni serja. F'tali każijiet, l-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika.

3. F'każijiet fejn min iħallas ma jkun la aġixxa b'mod frodulenti u lanqas bi ħsieb u naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu r-responsabbiltà

msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, b'kont meħud, b'mod partikolari tan-natura tal-karatteristiċi personalizzati ta' sigurtà ta' l-istrument tal-ħlas u ċ-ċirkostanzi li fihom intilef, insteraq jew ġie misapproprjat.

4. Min iħallas m'għandux iġorr konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw mill-użu ta' strument tal-ħlas mitluf, misruq jew miżapproprjat wara n-notifika skond l-Artikolu 56(1)(b), ħlief fejn ikun aġixxa b'mod frodulenti.

[…]"

B. Id-dritt nazzjonali

6. Id-Direttiva 2007/64 ġiet trasposta fid-dritt nazzjonali permezz tal-ordonnance n 2009-866 du 15 juillet 2009 relative aux conditions régissant la fourniture de services de paiement et portant création des établissements de paiement (Digriet Nru 2009-866 tal-15 ta' Lulju 2009 dwar il-Kundizzjonijiet li Jirregolaw il-Provvista ta' Servizzi ta' Ħlas u li Jirrigwardaw il-Ħolqien ta' Istituzzjonijiet ta' Ħlas), li introduċa, b'mod partikolari, l-Artikoli L. 133-17, L. 133-18, L. 133-19 u L. 133-24 tal-code monétaire et financier (il-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju), applikabbli fil-kawża prinċipali.

7. Skont l-Artikolu L. 133-17(I) tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, "malli jsir jaf bit-telf, is-serq, il-miżapproprjazzjoni jew l-użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas jew bid-data assoċjata ma' waħda minn dawn l-azzjonijiet, l-utent ta' servizz ta' ħlas għandu jinnotifika, mingħajr dewmien bla bżonn u għall-finijiet tal-ibblokkar tal-istrument, lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu jew tagħha, jew lill-entità speċifikata mill-fornitur tiegħu jew tagħha."

8. Skont l-Artikolu L. 133-18 ta' dan il-kodiċi:

"Fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata indikata mill-utent taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu L. 133–24, il-fornitur tas-servizzi ta' ħlas għandu jirrimborsa minnufih lill-utent tas-servizzi ta' ħlas l-ammont tat-tranżazzjoni mhux awtorizzata u, jekk ikun il-każ, jerġa' jġib il-kont addebitat b'dak l-ammont fl-istat li kien ikun jeżisti kieku t-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata ma kinitx seħħet.

Min iħallas u l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu jew tagħha jistgħu jiddeċiedu dwar kumpens addizzjonali fuq bażi kuntrattwali."

9. Skont l-Artikolu L. 133-19 ta' dan il-kodiċi:

"I. Fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata wara t-telf jew is-serq ta' strument ta' ħlas, min iħallas għandu jġarrab, qabel in-notifikazzjoni prevista fl-Artikolu L. 133-17, it-telf marbut mal-użu tal-istrument mitluf jew misruq sa limitu massimu ta' EUR 150.

Madankollu, min iħallas ma għandux jinżamm responsabbli, fil-każ ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata mwettqa mingħajr l-użu tal-karatteristiċi ppersonalizzati ta' sigurtà.

II. Min iħallas ma għandux jinżamm responsabbli jekk it-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata tkun saret b'miżappropriazzjoni, mingħajr l-għarfien ta' min iħallas, tal-istrument ta' ħlas jew tad-data assoċjata miegħu.

Bl-istess mod, ir-responsabbiltà tiegħu jew tagħha ma tapplikax fil-każ ta' użu ħażin tal-istrument ta' ħlas jekk huwa kellu jew hija kellha fil-pussess tiegħu jew tagħha l-istrument fil-mument meta seħħet it-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata.

III. Ħlief jekk ikun aġixxa jew tkun aġixxiet b'mod frawdolenti, min iħallas ma jbati ebda konsegwenza finanzjarja jekk il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ma jipprovdix il-mezzi ta' notifikazzjoni xierqa sabiex ikun jista' jiġi bblokkat l-istrument ta' ħlas, kif previst fl-Artikolu L. 133-17.

IV. Min iħallas għandu jbati t-telf kollu relatat ma' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati jekk huwa jkun sofra jew tkun sofriet dan it-telf billi aġixxa jew aġixxiet b'mod frawdolenti jew billi ma osservax jew ma osservatx, b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, wieħed jew iktar mill-obbligi imposti mill-Artikoli L. 133-16 u L. 133-17."

10. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu L. 133-24 ta' dan il-kodiċi:

"L-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata jew eżegwita b'mod skorrett, u mhux iktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu, taħt piena ta' dekadenza, sakemm il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ma jkunx ipprovda jew qiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni dwar din it-tranżazzjoni ta' ħlas skont il-Ktieb III, Titolu I, Kapitolu IV.

Ħlief fil-każijiet fejn l-utent ikun persuna fiżika li taġixxi għal skopijiet mhux ta' negozju jew professjonali, il-partijiet jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw minn dan l-artikolu."

III. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11. IL fetaħ kont ta' depożitu tad-deheb ma' Veracash SAS. Fl-24 ta' Marzu 2017, Veracash bagħtet fl-indirizz ta' IL kard ġdida ta' ġbid u ta' ħlas fi flus kontanti. Huwa sostna li la kien talab u lanqas irċieva din il-kard u li kien sar ġbid ta' kuljum mill-kont tiegħu mit-30 ta' Marzu sas-17 ta' Mejju 2017 li huwa ma kienx awtorizza. IL ħarrek lil Veracash quddiem it-tribunal de grande instance d'Évry[4] (il-Qorti Reġjonali ta' Évry, Franza) għar-rimbors u l-ħlas ta' danni.

12. Peress li l-azzjoni tiegħu ġiet parzjalment miċħuda fl-ewwel istanza, IL appella quddiem il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza). L-appell tiegħu ġie miċħud permezz ta' sentenza tat-3 ta' Jannar 2022 minħabba, b'mod partikolari, li huwa ma setax jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 133-18 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju peress li ma kienx iddikjara "immedjatament" it-tranżazzjonijiet inkwistjoni[5] u "mingħajr dewmien bla bżonn" lil Veracash. Din il-konstatazzjoni kienet ibbażata fuq il-fatt li IL kien bagħat formola ta' tranżazzjoni kontenzjuża lil Veracash fit-23 ta' Mejju 2017, jiġifieri kważi xahrejn wara l-ewwel ġbid kontenzjuż.

[4] Mogħtija isem ġdid "tribunal judiciaire d'Évry" (il-Qorti ta' Évry, Franza) fl-1 ta' Jannar 2020.

[5] Ir-riferiment, f'dik is-sentenza, għall-obbligu li t-tranżazzjoni tiġi nnotifikata "immedjatament" huwa probabbilment dovut għall-inklużjoni ta' din il-kelma fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-użu tal-kard "Veracard", riprodotti fl-imsemmija sentenza.

13. IL ppreżenta appell fuq kwistjoni ta' liġi quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), li hija l-qorti tar-rinviju. Huwa jinvoka żewġ aggravji insostenn tal-appell tiegħu. Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju[6], IL jilmenta li, bil-mod kif tat id-deċiżjoni tagħha, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell, Pariġi) naqset milli tikkunsidra l-fatt li min iħallas għandu 13-il xahar wara d-data tad-debitu sabiex jinnotifika t-tranżazzjoni u li b'hekk kisret l-Artikolu L. 133-24 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, kif applikabbli fil-kawża prinċipali.

14. Il-qorti tar-rinviju tgħid li l-eżitu tat-tilwima jiddependi mill-kwistjoni dwar jekk il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jistax jirrifjuta li jirrimborsa l-ammont ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata meta min iħallas, minkejja li jkun innotifika din it-tranżazzjoni f'terminu ta' 13-il xahar mid-data tad-debitu, ikun dam biex jagħmel dan, mingħajr ma dan id-dewmien kien intenzjonali jew kien dovut għal negliġenza serja min-naħa tiegħu jew tagħha.

15. Il-pożizzjoni tal-partijiet fil-kawża prinċipali hija differenti fuq dan il-punt. IL, l-appellant fil-kawża prinċipali jsostni, primarjament, li l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu 13-il xahar mid-data ta' debitu sabiex jinnotifika t-tranżazzjoni mhux awtorizzata. Veracash, konvenuta fil-kawża prinċipali, issostni li billi ppreveda, fl-Artikolu L. 133-24 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, l-obbligu għall-utent li jinnotifika mingħajr dewmien bla bżonn tranżazzjoni mhux awtorizzata f'terminu ta' 13-il xahar, il-leġiżlatur ried jistabbilixxi terminu doppju u li t-terminu ta' 13-il xahar huwa terminu definittiv. Hija żżid tgħid li l-istruttura ta' din id-dispożizzjoni teżiġi li, hekk kif l-utent ta' servizzi ta' ħlas isir jaf b'irregolarità, huwa għandu jirreaġixxi jew hija għandha tirreaġixxi immedjatament billi tinnotifika b'dan lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.

16. Skont il-qorti tar-rinviju, qari letterali tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 jista', kif iddeċidiet il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell, Pariġi), iwassal għall-konklużjoni li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu dritt jirrifjuta li jirrimborsa l-ammont ta' tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata abbażi tal-unika raġuni tan-notifikazzjoni tardiva tal-utent ta' servizzi ta' ħlas, minkejja li n-notifikazzjoni tkun saret fit-terminu ta' 13-il xahar.

17. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li tali interpretazzjoni tidher diffiċli sabiex tkun ikkonċiljata mal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li min iħallas huwa mċaħħad mid-dritt tiegħu jew tagħha għar-rimbors biss jekk, *inter alia*, naqas jew naqset milli jwettaq jew twettaq wieħed jew iktar mill-obbligi tiegħu jew tagħha taħt l-Artikolu 56 ta' din id-direttiva b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, inkluż l-obbligu li jinforma mingħajr dewmien bla bżonn lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas bit-telf, bis-serq jew bil-miżapproprjazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew tal-użu mhux awtorizzat tiegħu.

18. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, meta l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 fis-sentenza tagħha CRCAM hija ma kellhiex tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservanza minn min iħallas tal-obbligu li jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas dwar tranżazzjoni mhux awtorizzata mingħajr dewmien bla bżonn.

19. Anki għalkemm il-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi l-interess li min iħallas ikun inkuraġġit li jkun diliġenti sabiex jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, hija tqis li, fid-dawl tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jippenalizza kull dewmien, irrispettivament miċ-ċirkustanzi, billi jċaħħad totalment lil min iħallas mid-dritt għar-rimbors.

[6] It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda biss l-ewwel parti tat-tieni aggravju.

20. Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, min iħallas għandu jiġi mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tat-telf ikkawżat minn tranżazzjoni mhux awtorizzata li n-notifikazzjoni setgħet tipprekludi mingħajr dewmien bla bżonn biss jekk it-tardività ta' dik in-notifikazzjoni tkun intenzjonali jew tirriżulta minn negliġenza serja min-naħa tiegħu jew tagħha.

21. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 56, 58, 60 u 61 tad-[Direttiva 2007/64]għandhom jiġu interpretati [fis]-sens li min iħallas huwa mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tal-ammont ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata meta jkun dam biex jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu [jew tagħha] dwar it-tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, minkejja li jkun għamel dan fit-tlettax-il xahar wara d-data ta' debitu?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, iċ-ċaħda tad-dritt ta' min iħallas għar-rimbors hija suġġetta għall-fatt li d-dewmien fin-notifikazzjoni huwa intenzjonali jew huwa r-riżultat ta' negliġenza serja min-naħa ta' min iħallas?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, min iħallas jiġi mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tat-tranżazzjonijiet kollha mhux awtorizzati jew biss mid-dritt għar-rimbors ta' dawk li setgħu ġew evitati li kieku ma kienx hemm dewmien fin-notifikazzjoni?"

22. Veracash, il-Gvern Ċek u dak Franċiż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

IV. Evalwazzjoni

A. L-ewwel domanda

23. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56, 60 u 61 tagħha, għandux jiġi interpretat fis-sens li min iħallas huwa mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tal-ammont ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata jekk huwa jkun innotifika din it-tranżazzjoni tard lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, minkejja li jkun għamel dan f'terminu ta' 13-il xahar mid-data tad-debitu.

24. Sabiex nirrispondi għal din id-domanda, ser nagħti qabelxejn ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-obbligi kuntrattwali tal-partijiet fil-qasam ta' strumenti ta' ħlas u ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati u r-regoli dwar ir-responsabbiltà għat-telf li jirriżulta minn tranżazzjonijiet mhux awtorizzati[7]. Imbagħad ser nipprovdi xi kjarifika dwar l-interrelazzjoni bejn l-obbligi ta' notifikazzjoni ta' min iħallas.

[7] Ara Mavromati, D., *The Law of Payment Services in the EU: The EC Directive on Payment Services in the Internal Market*, Kluwer Law International, Alphen aan den Rijn, 2008, p. 220 *et seq*.

1. L-obbligi kuntrattwali tal-partijiet u r-responsabbiltà għat-telf li jirriżulta minn tranżazzjonijiet mhux awtorizzati

25. B'mod ġenerali, huwa possibbli li jiġu identifikati żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet rilevanti għall-kawża prinċipali. L-Artikoli 56 u 57 tad-Direttiva 2007/64 jistabbilixxu l-obbligi kuntrattwali tal-utent ta' servizzi ta' ħlas [8] u l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas [9] fir-rigward ta' strumenti ta' ħlas. L-Artikoli 58 sa 61 ta' din id-direttiva jikkonċernaw it-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati, li jkopru l-obbligu ta' notifikazzjoni lill-utent ta' servizzi ta' ħlas, l-oneru tal-prova u r-responsabbiltà ta' kull waħda mill-partijiet.

26. L-Artikolu 56 jirregola l-obbligi kuntrattwali tal-utent ta' servizzi ta' ħlas fir-rigward tal-istrumenti ta' ħlas. Għalhekk, l-utent ta' servizzi ta' ħlas huwa obbligat juża l-istrument ta' ħlas skont il-kundizzjonijiet stipulati, iżomm b'mod sigur il-karatteristiċi ppersonalizzati ta' sigurtà tal-istrument ta' ħlas u jinnotifika mingħajr dewmien bla bżonn lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas meta jsir jaf bit-telf, is-serq jew il-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew l-użu mhux awtorizzat tiegħu.

27. Min-naħa tiegħu, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas skont l-Artikolu 57(1)(a) u (b) għandu, *inter alia*, jiżgura li l-karatteristiċi ppersonalizzati ta' sigurtà tal-istrument ta' ħlas ikunu aċċessibbli biss għall-utent ta' servizzi ta' ħlas u li joqgħod lura milli jibgħat strument ta' ħlas mhux mitlub, sakemm ma jkunx meħtieġ li jiġi ssostitwit strument ta' ħlas preċedenti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 57(1)(ċ), il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jiżgura li l-mezzi xierqa jkunu disponibbli f'kull ħin sabiex l-utent ta' servizzi ta' ħlas ikun jista' jagħmel notifikazzjoni skont l-Artikolu 56(1)(b) f'każ ta' telf, serq, jew miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew l-użu mhux awtorizzat tiegħu. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 57(1)(d), il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jipprevjeni kwalunkwe użu tal-istrument ta' ħlas wara li tkun saret in-notifikazzjoni.

28. L-Artikolu 58 jikkonċerna, *inter alia* [10], tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati [11]. Dan jimponi obbligu ġenerali ta' notifikazzjoni fuq l-utent ta' servizzi ta' ħlas bħala prerekwiżit sabiex tinkiseb rettifika minn għand il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas [12]. L-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas "mingħajr dewmien bla bżonn malli jsir konxju ta' kwalunkwe transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata […] li tirriżulta fi pretensjoni […] u mhux aktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu". L-unika eċċezzjoni għal dak l-obbligu tinsab fil-każ fejn il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ma pprovdiex jew ma għamilx disponibbli l-informazzjoni dwar din it-tranżazzjoni ta' ħlas konformement mat-Titolu III tad-Direttiva 2007/64.

29. L-Artikolu 59 ta' dik id-direttiva jinkludi, bħala parti mir-regoli dwar ir-responsabbiltà fil-każ ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati, dispożizzjonijiet dwar l-oneru tal-prova li huma favorevoli għall-utent ta' servizzi ta' ħlas. Sostanzjalment, l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, li għandu jipprova li t-tranżazzjoni tkun ġiet awtentikata, irreġistrata b'mod preċiż u rreġistrata fil-kontabbiltà [13].

[8] Skont l-Artikolu 4(10) tad-Direttiva 2007/64, "utent ta' servizzi ta' ħlas" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel użu minn servizzi ta' ħlas fil-kapaċità ta' min iħallas jew ta' min jitħallas, jew tat-tnejn. Il-kunċetti ta' "min iħallas" u "min jitħallas" huma ddefiniti fil-punti 7 u 8 ta' dak l-artikolu.

[9] Kif iddefinit fl-Artikolu 4(9) tad-Direttiva 2007/64.

[10] Dik id-dispożizzjoni tkopri wkoll "transazzjoni ta' ħlas […] eżegwita skorrettament". Peress li l-kawża prinċipali tikkonċerna tranżazzjonijiet li ma kinux awtorizzati minn min iħallas, għall-kuntrarju ta' tranżazzjonijiet li ma humiex konformi mal-istruzzjonijiet ta' min iħallas, jien ser niffoka fuq is-sitwazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati.

[11] Iċ-ċirkustanzi li fihom tranżazzjoni ta' ħlas għandha titqies bħala mhux awtorizzata huma stabbiliti fl-Artikolu 54 tad-Direttiva 2007/64.

[12] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza CRCAM (punt 33).

[13] Is-sentenza CRCAM (punt 40).

30. Fil-prattika, ir-riżultat tas-sistema ta' prova stabbilita mill-Artikolu 59 tad-Direttiva 2007/64 huwa li, ladarba n-notifikazzjoni prevista fl-Artikolu 58 ta' din id-direttiva tkun saret fil-perijodu previst minnu, il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas isir suġġett għal obbligu ta' rimbors immedjat, konformement mal-Artikolu 60(1) tal-imsemmija direttiva [14].

31. L-Artikolu 61 jirregola r-responsabbiltà ta' min iħallas fil-każ partikolari fejn it-telf ikkawżat minn tranżazzjoni mhux awtorizzata jirriżulta mill-użu ta' strument ta' ħlas mitluf, misruq jew miżappropriat. Mill-paragrafu 1 ta' dak l-artikolu jirriżulta li r-responsabbiltà ta' min iħallas għat-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati hija limitata, sa massimu ta' EUR 150 [15]. Madankollu, ir-responsabbiltà ta' min iħallas hija illimitata meta min iħallas ikun aġixxa jew tkun aġixxiet b'mod frawdolenti jew ikun naqas jew tkun naqset milli jwettaq jew twettaq wieħed jew iktar mill-obbligi tiegħu jew tagħha taħt l-Artikolu 56 (inkluż l-obbligu tan-notifikazzjoni tat-telf, tas-serq jew tal-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew tal-użu mhux awtorizzat tiegħu) b'intenzjoni jew b'negliġenza serja. Minn dan l-Artikolu 61(4) jirriżulta li, wara n-notifikazzjoni tat-telf, tas-serq jew tal-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas, min iħallas ma jibqax ibati konsegwenzi finanzjarji, ħlief jekk ikun aġixxa jew tkun aġixxiet b'mod frawdolenti.

2. L-interrelazzjoni bejn l-obbligi ta' notifikazzjoni ta' min iħallas

32. Mill-preżentazzjoni tal-kuntest ġuridiku msemmi iktar 'il fuq jirriżulta li l-utent għandu obbligu ġenerali ta' diliġenza fir-rigward tal-istrument ta' ħlas. Manifestazzjoni speċifika tad-dmir ta' diliġenza hija l-obbligu ta' notifikazzjoni [16]. Dak l-obbligu jokkupa post ċentrali fil-kuntest tar-regoli dwar ir-responsabbiltà għat-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati, li jservu bħala "*kejl*" għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn min iħallas u l-fornitur ta' servizzi għal kwalunkwe tranżazzjoni mhux awtorizzata [17].

33. Jistgħu jiġu identifikati mill-inqas tliet sitwazzjonijiet li jattivaw l-obbligu tal-utent li jagħmel notifikazzjoni.

34. L-ewwel sitwazzjoni hija fejn l-utent isir jaf bit-telf, is-serq jew il-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew tal-użu mhux awtorizzat tiegħu. F'din is-sitwazzjoni, l-Artikolu 56(1)(b) tad-Direttiva 2007/64 jobbliga lill-utent ta' servizzi ta' ħlas li jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas mingħajr dewmien bla bżonn. L-għan ta' din in-notifikazzjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 57(1)(d) ta' dik id-direttiva, moqri fid-dawl tal-premessa 32 tal-istess direttiva, huwa li jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jimblokka l-istrument ta' ħlas u jipprevjeni kwalunkwe użu ulterjuri mhux awtorizzat.

[14] *Ibid.*

[15] Ara Geva, B., "The EU payment services directive: An outsider's view" *Yearbook of European Law*, Vol. 28, Nru 1, 2009, p. 177 sa 215, f'p. 200, li jindika li din ir-responsabbiltà limitata teżisti anki fil-każ ta' assenza ta' ħtija ta' min iħallas u ta' nuqqas ta' għarfien taċ-ċirkustanzi li jirrikjedu li tingħata notifikazzjoni skont l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2007/64.

[16] Ara Bourguignon, C., "L'utilisateur dans la nouvelle loi sur les services de paiement: entre protection et responsabilisation", f'Jacquemin, H., Michaux, B. u Bourguignon, C., *Actualités en droit du numérique*, Anthemis, Limal, 2019, p. 153 sa 215, f'p. 206.

[17] *Ibid*., f'p. 207, fejn huwa deskritt l-obbligu ta' notifikazzjoni bħala "*curseur de la répartition des responsabilités*". Bl-istess mod, ara Guimarães, M. R. u Steennot, R., "Allocation of liability in case of payment fraud: who bears the risk of innovation? A comparison of Belgian and Portuguese law in the context of PSD2", *European Review of Private Law*, Kluwer Law International, 2022, Vol. 30, Nru. 1, p. 29 sa 72, f'p. 46, li jgħidu li r-"rabta kawżali eventwali bejn l-aġir [tal-utent] u t-tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati tispiċċa bin-notifikazzjoni". [traduzzjoni libera]

35. It-tieni sitwazzjoni hija dik fejn l-utent isir jaf bi tranżazzjoni mhux awtorizzata. F'każ bħal dan, skont l-Artikolu 58 ta' dik id-direttiva, l-utent għandu jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas mingħajr dewmien bla bżonn sabiex jikseb ir-rettifika tat-tranżazzjoni mhux awtorizzata. L-għan tal-obbligu ta' notifikazzjoni previst f'dan l-artikolu huwa li jippermetti lil min iħallas jikkontesta u jikseb rimbors ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati.

36. Filwaqt li l-Artikolu 56(1)(b) għandu *funzjoni preventiva* billi jippermetti li jiġi bblokkat l-istrument ta' ħlas u li jiġi mħares kontra r-riskju ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati, l-Artikolu 58 jipprovdi prinċipalment *funzjoni kumpensatorja*, billi jippermetti rimbors tat-tranżazzjoni mhux awtorizzata [18].

37. It-tielet sitwazzjoni hija dik fejn iseħħu ż-żewġ sitwazzjonijiet preċedenti (kważi) *fl-istess ħin*. Kif irrilevat ġustament il-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, u kif jidher li huwa l-każ fil-kawża prinċipali, tranżazzjoni mhux awtorizzata tista' tkun sussegwenti għat-telf, għas-serq, għall-miżappropriazzjoni jew għall-użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' ħlas. F'tali sitwazzjoni, l-obbligi ta' notifikazzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 56(1)(b) u mill-Artikolu 58 għandhom jiġu applikati b'mod *koerenti*. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza, in-notifikazzjoni (u l-kontestazzjoni) ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata skont l-Artikolu 58 għandha titqies bħala *li tinkludi* notifikazzjoni skont l-Artikolu 56(1)(b). F'dan it-tip ta' sitwazzjoni, in-notifikazzjoni tat-tranżazzjoni mhux awtorizzata tissodisfa kemm funzjoni preventiva kif ukoll funzjoni kumpensatorja u tieħu post in-notifikazzjoni skont l-Artikolu 56 [19].

3. Fuq il-perijodu ta' żmien għan-notifikazzjoni skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64

38. L-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 jirrikjedi lil min iħallas li jwettaq l-obbligu tiegħu jew tagħha li jinnotifika jew tinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas f'perijodu speċifiku ta' żmien. Sabiex tinkiseb rettifika tal-fornitur, in-notifikazzjoni għandha ssir "mingħajr dewmien bla bżonn malli jsir konxju ta' kwalunkwe transazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata […] u mhux aktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu".

39. Il-kwistjoni mqajma mill-ewwel domanda hija jekk notifikazzjoni tardiva ċċaħħadx lill-utent ta' servizzi ta' ħlas mid-dritt li jikseb ir-rettifika anki meta n-notifikazzjoni ssir f'terminu ta' 13-il xahar wara d-data tad-debitu. Ir-risposta għal din id-domanda tiddependi fuq jekk l-obbligu ta' notifikazzjoni "mingħajr dewmien bla bżonn" mal-għarfien tat-tranżazzjoni mhux awtorizzata huwiex kundizzjoni distinta u separata li tapplika *kumulattivament* flimkien mal-obbligu ta' notifikazzjoni f'terminu ta' 13-il xahar mid-data tad-debitu.

40. Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħha tkun parti. L-oriġini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tista' tipprovdi wkoll elementi rilevanti għall-interpretazzjoni tagħha [20].

[18] Torck, S., "Délai de contestation des opérations de paiement non autorisées: renvoi préjudiciel de la Cour de Cassation", *Revue de droit bancaire et financie*, Nru 2, 2024, commentaire 28.

[19] *Ibid.*; Torck, S. li josserva li l-kontestazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 58 tieħu post in-notifikazzjoni skont l-Artikolu 56, li saret ineffettiva bħala riżultat taċ-ċirkustanzi ("*la contestation fondée sur l'article 58 prend le relais du signalement fondé sur l'article 56, rendu inefficace par les circonstances*").

[20] Is-sentenza CRCAM (punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41. F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kliem tal-Artikolu 58, għandu jiġi osservat preliminarjament li l-kundizzjonijiet *ratione temporis* tan-notifikazzjoni huma marbuta mal-espressjoni "*u mhux aktar tard minn*". Din l-espressjoni donnha tindika li l-Artikolu 58 jistabbilixxi żewġ kundizzjonijiet distinti, li t-tnejn li huma għandhom jiġu osservati sabiex jingħata lok għad-dritt ta' rettifika.

42. Barra minn hekk, iż-żewġ kundizzjonijiet *ratione temporis* huma ta' natura u portata differenti.

43. Fir-rigward tan-notifikazzjoni "mingħajr dewmien bla bżonn", għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2007/64 ma tiddefinixxix dik l-espressjoni [21]. Kif sostna, essenzjalment, il-Gvern Franċiż, skont il-verżjoni lingwistika, din l-espressjoni tista' tiġi interpretata bħala li tenfasizza n-natura immedjata tan-notifikazzjoni [22] jew in-natura eċċessivament twila tad-dewmien [23].

44. Minkejja l-isfumaturi differenti skont il-verżjoni lingwistika, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 58 ma jirreferix għal azzjoni *immedjata*. Dan jindika ċertu marġni ta' manuvra fl-evalwazzjoni tal-ħeffa tar-reazzjoni ta' min iħallas fuq bażi ta' każ b'każ. Għalhekk, min iħallas għandu jaġixxi malajr kemm jista' jkun, fid-dawl taċ-ċirkustanzi. Fi kwalunkwe każ, ma jistax jitqies li min iħallas ikun tardiv jekk huwa effettivament ma kienx jaf bil-fatt li ta lok għat-tranżazzjoni mhux awtorizzata [24].

45. Il-premessa 31 tad-Direttiva 2007/64 tikkonferma din l-interpretazzjoni billi tgħid li l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas "kemm jista' jkun malajr" dwar kull kontestazzjoni li tikkonċerna tranżazzjonijiet allegatament mhux awtorizzati.

46. Fid-dawl tal-premessa 31, l-espressjoni "mingħajr dewmien bla bżonn" għandha tinftiehem bħala li tobbliga lill-utent ta' servizzi ta' ħlas jaġixxi *malajr*, li għandu jiġi evalwat, kif irrilevat essenzjalment il-Kummissjoni, *wara li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi*.

47. Il-ħtieġa li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' kull każ tindika, kif sostna essenzjalment il-Gvern Ċek, li l-obbligu ta' notifikazzjoni "mingħajr dewmien bla bżonn" huwa wieħed *suġġettiv*. In-natura suġġettiva tiegħu tirriżulta wkoll mill-punt tat-tluq tiegħu, li huwa l-għarfien tat-tranżazzjoni mhux awtorizzata.

48. Għall-kuntrarju ta' din il-kundizzjoni *ratione temporis* suġġettiva, il-kundizzjoni li n-notifikazzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu hija kundizzjoni oġġettiva. Fil-fatt, l-iskadenza ta' terminu ta' 13-il xahar tista' tiġi ddeterminata oġġettivament u ma tiddependix miċ-ċirkustanzi tal-każ. Barra minn hekk, id-data li fiha jibda jiddekorri t-terminu ta' 13-il xahar ma tiddependix fuq il-fatt li min iħallas ikun jaf bit-tranżazzjoni mhux awtorizzata (li, barra minn hekk, jista' jkun diffiċli li jiġi ddeterminat), [25] iżda fuq id-data tad-debitu.

[21] Fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Franċiż ipprovda analiżi tal-espressjoni "mingħajr dewmien bla bżonn", billi ħa inkunsiderazzjoni l-obbligi imposti fuq il-Kummissjoni jew fuq l-Istati Membri f'atti oħra tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, inqis li d-differenzi bejn istituzzjoni tal-UE jew awtorità ta' Stat Membru u persuna privata, jiġifieri min iħallas, jipprekludu kull analoġija.

[22] Dan jidher li huwa l-każ fil-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża ("sans tarder"), Olandiża ("onverwijld"), Ġermaniża ("unverzüglich"), Griega ("αμελλητί") u Taljana ("senza indugio").

[23] Dan jidher li huwa l-każ fil-verżjonijiet bil-lingwa Ingliża ("without undue delay"), Spanjola ("sin tardanza injustificada") u Latvjana ("bez liekas kavēšanās").

[24] Ara Storck,,M. *et al*., *Code Monétaire et Financier. Annoté et commenté*, l-14-il Edizzjoni, Dalloz, Pariġi, 2024, p. 170, u Hennard, G., "Loi sur les services de paiement: l'exécution des opérations de paiement – Responsabilités en cas d'inexécution ou d'exécution incorrecte des opérations de paiement", *f'Betalingsdiensten/Services de paiement*, l-Ewwel Edizzjoni, Intersentia, Brussell, 2011, p. 137 sa 194, f'p. 172.

[25] Ara, Guimarães, M. R. u Steennot, R., *op. cit*., nota ta' qiegħ il-paġna 17, f'p. 48.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara fis-sentenza tagħha CRCAM li l-perijodu ta' 13-il xahar huwa "terminu massimu" li fih għandha ssir in-notifikazzjoni [26]. Utent li ma jkunx irrapporta lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tiegħu jew tagħha tranżazzjoni mhux awtorizzata f'dan it-terminu ma jistax jew ma tistax jattiva jew tattiva r-responsabbiltà ta' dan il-fornitur ta' servizzi, inkluż abbażi tad-dritt ordinarju, u, għaldaqstant, jikseb jew tikseb rimbors ta' din it-tranżazzjoni mhux awtorizzata [27]. Kif sostniet Veracash, il-perijodu ta' 13-il xahar huwa "terminu definittiv" ("*délai butoir*") li matulu għandha ssir in-notifikazzjoni.

50. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-obbligu ta' notifikazzjoni "mingħajr dewmien bla bżonn" huwa distint mill-obbligu ta' notifikazzjoni fit-terminu ta' 13-il xahar. In-nuqqas ta' notifikazzjoni mill-utent ta' servizzi ta' ħlas "mingħajr dewmien bla bżonn" fil-mument meta jsir jaf bit-tranżazzjoni mhux awtorizzata ma jistax jiġi sempliċement "ikkumpensat" permezz ta' notifikazzjoni magħmula fi żmien 13-il xahar wara d-data tad-debitu.

51. Fit-tieni lok, interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 tikkonferma l-interpretazzjoni letterali ta' dik id-dispożizzjoni.

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha CRCAM li l-Artikolu 58, li għalih jirreferi l-Artikolu 60(1) ta' dik id-direttiva, jimponi fuq l-utent ta' servizzi ta' ħlas obbligu ġenerali ta' notifikazzjoni [28]. Kif indikajt iktar 'il fuq [29], in-notifikazzjoni għandha rwol ċentrali fil-kuntest tar-regoli dwar ir-responsabbiltà li jirregolaw tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati. Jekk jiġi aċċettat li min iħallas jista' jistenna 13-il xahar qabel ma jikkontesta tranżazzjoni li jkun sar jaf biha, idgħajjef l-effettività tal-obbligu ta' notifikazzjoni "mingħajr dewmien bla bżonn". Fil-każ speċifiku fejn it-tranżazzjoni mhux awtorizzata tkun ir-riżultat tat-telf, is-serq jew il-miżapproprjazzjoni tal-istrument ta' ħlas, in-notifikazzjoni tardiva ta' dik it-tranżazzjoni ddewwem l-adozzjoni ta' miżuri mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas skont l-Artikolu 57(1)(d) tad-Direttiva 2007/64. Barra minn hekk, in-notifikazzjoni tardiva ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li min iħallas sar jaf bihom idewwem l-attivazzjoni tar-responsabbiltà tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas skont l-Artikolu 60 ta' dik id-direttiva. Għalhekk, kif sostniet essenzjalment il-Kummissjoni, in-notifikazzjoni tardiva ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li saru magħrufa minn min iħallas tippreġudika wkoll l-għanijiet tal-Artikolu 57(1)(d) u tal-Artikolu 60 tal-istess direttiva.

53. Fit-tielet lok, interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64 issaħħaħ l-interpretazzjoni letterali u kuntestwali ta' dik id-dispożizzjoni. Fil-każ speċifiku fejn it-telf minn dik it-tranżazzjoni mhux awtorizzata jirriżulta minn telf, serq jew miżapproprjazzjoni ta' strument ta' ħlas, in-notifikazzjoni tardiva tipprevjeni lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas milli jadotta miżuri immedjatament u taggrava r-riskju ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati. Għalhekk, dewmien bla bżonn fin-notifikazzjoni lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jippreġudika l-għan preventiv tan-notifikazzjoni [30].

54. Barra minn hekk, kif irrilevat essenzjalment, il-Kummissjoni, interpretazzjoni li tgħid li min iħallas għandu d-dritt li jikseb rettifika anki jekk ma jkunx għamel notifika mingħajr dewmien bla bżonn tippreġudika ċ-ċertezza legali u l-ibbilanċjar tal-interessi bejn il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas u l-utent tas-servizz ta' ħlas.

[26] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza CRCAM (punti 38 u 50).

[27] Is-sentenza CRCAM (punt 36).

[28] *Ibid*., punt 33.

[29] Ara l-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[30] Ara l-punti 34 u 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55. Fir-raba' lok, l-isfond tad-Direttiva 2007/64 jikkorrobora l-interpretazzjoni li tirriżulta minn interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 58 ta' dik id-direttiva.

56. Mix-xogħlijiet preparatorji jirriżulta li l-proposta inizjali għal direttiva [31] tal-Kummissjoni ma kienet timponi ebda terminu paragunabbli ma' dak previst fl-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64, introdott matul il-proċess leġiżlattiv [32]. Madankollu, l-introduzzjoni tal-perijodu uniformi ta' 13-il xahar ma kellhiex l-għan li tissostitwixxi l-obbligu ta' notifikazzjoni mingħajr dewmien bla bżonn. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha CRCAM, malajr irriżulta li l-introduzzjoni ta' dak it-terminu kienet indispensabbli sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali tal-utent ta' dawn is-servizzi u tal-fornitur tagħhom [33]. L-iffissar ta' perijodu massimu ta' 13-il xahar jiggarantixxi li t-tranżazzjoni ta' ħlas issir definittiva mal-iskadenza ta' dak il-perijodu [34]. Madankollu, l-għan li jiġi żgurat li tranżazzjoni ssir finali ma jaffettwax l-obbligu separat tal-utent li jinnotifika mingħajr dewmien bla bżonn.

57. Minn dan isegwi li l-utent ta' servizzi ta' ħlas għandu josserva ż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 61(2) ta' dik id-direttiva, li jirregola r-responsabbiltà ta' min iħallas meta t-telf marbut ma' tranżazzjoni mhux awtorizzata jirriżulta, *inter alia*, min-nuqqas ta' notifikazzjoni tat-telf, is-serq jew il-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, li huwa s-suġġett tat-tieni domanda preliminari.

58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56, 60 u 61 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li min iħallas huwa, bħala prinċipju, imċaħħad mid-dritt għar-rimbors tal-ammont ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata jekk huwa jkun innotifika jew hija tkun innotifikat din it-tranżazzjoni tard lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, għalkemm ikun għamel jew tkun għamlet dan fi żmien 13-il xahar mid-data tad-debitu. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 61(2) ta' dik id-direttiva.

B. It-tieni domanda

59. Għalkemm, fit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ma ssemmix dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva 2007/64, madankollu mid-deċiżjoni tar-rinviju jidher li hija qiegħda titlob interpretazzjoni tal-Artikolu 61(2) ta' dik id-direttiva, moqri fid-dawl tal-Artikolu 56(1)(b) tagħha. Barra minn hekk, it-tieni domanda hija magħmula fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda.

60. Għalhekk, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqri fid-dawl tal-Artikolu 56(1)(b) ta' dik id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' telf marbut ma' tranżazzjoni mhux awtorizzata li jirriżulta mit-telf, mis-serq jew mill-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew mill-użu mhux awtorizzat tiegħu, min iħallas jiġi mċaħħad mid-dritt għar-rimbors biss jekk ma jkunx innotifika jew ma tkunx innotifikat b'dan lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas b'intenzjoni jew b'negliġenza serja.

[31] L-implimentazzjoni tal-programm ta' Liżbona tal-Komunità:Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament fis-suq intern u li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2000/12/KE u 2002/65/KE (KUMM(2005) 603 finali).

[32] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fis-sentenza CRCAM (C-337/20, EU:C:2021:564, punti 44 sa 46).

[33] Is-sentenza CRCAM (punt 48).

[34] *Ibid.*, punt 49.

61. L-Artikolu 61 tad-Direttiva 2007/64 jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għar-regoli dwar ir-responsabbiltà għat-telf marbut ma' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li jirriżulta mill-użu ta' strumenti ta' ħlas mitlufa, misruqa jew miżappropriati [35]. B'mod iktar partikolari, mill-Artikolu 61(2) ta' dik id-direttiva, moqri fid-dawl tal-Artikolu 56(1)(b) tagħha, jirriżulta li min iħallas huwa responsabbli għat-telf kollu marbut ma' tranżazzjoni mhux awtorizzata jekk huwa jkun sofra jew hija tkun sofriet dan it-telf, *inter alia*, billi ma jkunx innotifika jew ma tkunx innotifikat lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas bit-telf, bis-serq jew bil-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew dwar l-użu mhux awtorizzat tiegħu, b'intenzjoni jew b'negliġenza serja.

62. L-Artikolu 61(2) ma jagħmilx riferiment espliċitu għall-obbligu ta' notifikazzjoni previst fl-Artikolu 58. Madankollu, kif imsemmi iktar 'il fuq [36], skont is-sitwazzjoni u l-andament tal-ġrajjiet, meta t-tranżazzjoni mhux awtorizzata tkun ir-riżultat tat-telf, serq jew miżappropriazzjoni ta' strument ta' ħlas, in-notifikazzjoni ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata skont l-Artikolu 58 għandha tinkludi n-notifika skont l-Artikolu 56(1)(b). F'sitwazzjonijiet bħal dawn, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni koerenti tal-Artikolu 61(2), tal-Artikolu 56(1)(b) u tal-Artikolu 58, in-notifikazzjoni skont l-Artikolu 58 għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 61(2).

63. Għalhekk, min iħallas huwa mċaħħad mid-dritt għar-rimbors jekk ma jkunx innotifika jew ma tkunx innotifikat it-tranżazzjoni mhux awtorizzata wara t-telf, is-serq jew il-miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas "b'intenzjoni jew bi traskuraġni serja".

64. Mill-premessa 33 tad-Direttiva 2007/64 jirriżulta li, sabiex tiġi evalwata negliġenza possibbli, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha. Skont dik il-premessa, il-provi u l-grad ta' negliġenza allegata għandhom jiġu evalwati skont id-dritt nazzjonali.

65. Filwaqt li l-kunċett ta' negliġenza jimplika att jew ommissjoni involontarja li permezz tagħha l-persuna responsabbli tonqos mid-dmir ta' diliġenza tagħha, il-kunċett ta' "negliġenza serja" jista' jirreferi biss għal ksur *manifest* ta' tali dmir ta' diliġenza [37]. Id-Direttiva 2015/2366, għalkemm ma hijiex applikabbli fil-kawża prinċipali, tikkonferma din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "negliġenza serja". Il-premessa 72 tagħha tiddikjara li "negliġenza serja għandha tfisser aktar minn sempliċi negliġenza, li tkun tinvolvi mġiba li turi grad sinifikanti ta' traskuraġni".

66. Fi kwalunkwe każ, mill-Artikolu 59(2) tad-Direttiva 2007/64 jirriżulta li s-sempliċi użu tal-istrument ta' ħlas ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi ppruvat, mill-istess użu, li min iħallas aġixxa b'mod frawdolenti jew naqas, b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, milli jwettaq wieħed jew iktar mill-obbligi tiegħu jew tagħha taħt l-Artikolu 56 tal-istess direttiva.

67. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, sempliċi ksur tad-dmir ta' diliġenza, jew "sempliċi negliġenza" skont il-kliem tal-Kummissjoni, ma huwiex biżżejjed sabiex jeskludi r-rimbors ta' min iħallas [38]. Għalhekk, kif irrilevat ġustament il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 61(2) ma "jippenalizzax" id-dewmien kollu ta' notifikazzjoni irrispettivament miċ-ċirkustanzi u mill-aġir ta' min iħallas. Huwa biss dewmien fin-notifikazzjoni, attribwibbli lil min iħallas li jaġixxi b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, li jwassal għat-telf tad-dritt għar-rimbors.

[35] Ara l-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[36] Punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[37] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2008, Intertanko *et* (C-308/06, EU:C:2008:312, punti 75 u 76).

[38] Ara, Guimarães, M. R. u Steennot, R., *op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 17, f'p. 50, b'eżempji meħuda mill-ġurisprudenza nazzjonali.

68. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqri fid-dawl tal-Artikolu 56(1)(b) ta' dik id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' telf marbut ma' tranżazzjoni mhux awtorizzata li jirriżulta mit-telf, serq jew miżapproprjazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew mill-użu mhux awtorizzat tiegħu, min iħallas jiġi mċaħħad mid-dritt għar-rimbors biss jekk ma jkunx innotifika jew ma tkunx innotifikat b'intenzjoni jew b'negliġenza serja lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.

C. It-tielet domanda

69. Għalkemm, fit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ma ssemmix dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva 2007/64, madankollu mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li hija titlob interpretazzjoni tal-Artikolu 61(2) ta' dik id-direttiva u b'mod iktar partikolari tal-portata tat-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li fir-rigward tagħhom min iħallas iġorr ir-riskju. Barra minn hekk, it-tielet domanda hija magħmula fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda.

70. Għalhekk, permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64 għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' telf relatat ma' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li min iħallas ikun innotifika tardivament b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, min iħallas jiġix imċaħħad mid-dritt għar-rimbors tat-tranżazzjonijiet kollha mhux awtorizzati jew inkella biss ta' dawk it-tranżazzjonijiet li setgħu jiġu evitati li kieku n-notifikazzjoni ma kinitx tardiva.

71. F'dan ir-rigward, skont il-ġurisprudenza stabbilita ċċitata iktar 'il fuq [39],sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħha tkun parti.

72. L-ewwel, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, dik id-dispożizzjoni tipprovdi li min iħallas għandu jġorr "it-telf kollu li jirrigwardaw transazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati" jekk huwa jkun sofra jew hija tkun sofriet dan it-telf, *inter alia* billi ma jissodisfax jew ma tissodisfax l-obbligu ta' notifikazzjoni tiegħu jew tagħha, b'intenzjoni jew b'negliġenza serja. Minn naħa, l-espressjonijiet "*it-telf kollu*" u "*transazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati*" jidhru li jindikaw li l-portata tat-tranżazzjonijiet li għalihom min iħallas jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu għandha tiġi interpretata b'mod wiesa'. Ma hemm l-ebda distinzjoni bejn tranżazzjonijiet li setgħu jiġu evitati u tranżazzjonijiet li ma setgħux jiġu evitati f'każ ta' notifikazzjoni fi żmien xieraq.

73. Min-naħa l-oħra, l-espressjoni "telf […] [imġarrab]" tistabbilixxi rabta kawżali bejn it-telf u l-aġir tal-persuna li tħallas li "ġarrbithom" billi naqset, *inter alia*, milli tinnotifika. Ir-rekwiżit ta' dik ir-rabta kawżali jista' jiġi interpretat, kif sostniet essenzjalment il-Kummissjoni, bħala li jindika li huwa biss it-telf li jirriżulta minn tranżazzjonijiet li setgħu jiġu evitati permezz ta' notifikazzjoni f'waqtha li huwa kopert.

74. Madankollu, inqis li l-kuntest u l-għan tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64 jindikaw pjuttost li min iħallas iġarrab it-telf kollu tat-tranżazzjonijiet kollha mhux awtorizzati jekk ma jkunx innotifikahom b'intenzjoni jew b'negliġenza serja.

[39] Punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

75. It-tieni, fir-rigward tal-kuntest li fih tinsab din id-dispożizzjoni, għandu jitfakkar, qabelxejn, li r-responsabbiltà illimitata ta' min iħallas tiddependi minn azzjoni frawdolenti jew minn intenzjoni jew minn negliġenza serja fin-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu wieħed jew iktar li huwa għandu jew hija għandha skont l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2007/64. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li tali aġir għandu jkollu konsegwenzi għal min iħallas, jiġifieri t-telf tad-dritt għar-rimbors.

76. Imbagħad, kif diġà indikajt[40], in-notifikazzjoni għandha post ċentrali fis-sistema ta' responsabbiltà għal tranżazzjonijiet mhux awtorizzati. B'mod partikolari meta t-tranżazzjoni kkontestata tkun ir-riżultat tal-użu mhux awtorizzat ta' strument ta' ħlas, in-notifikazzjoni għandu jkollha funzjoni preventiva, li tippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas jimblokka l-istrument ta' ħlas u jnaqqas ir-riskju ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati. Ir-regoli dwar ir- responsabbiltà għal tali tranżazzjonijiet mhux awtorizzati hija bbażata fuq il-preżunzjoni li dawn *setgħu jiġu evitati* b'notifikazzjoni f'waqtha. Ikun kuntrarju għal-loġika tas-sistema ta' responsabbiltà li ssir distinzjoni, għall-finijiet tad-dritt għar-rimbors, bejn żewġ kategoriji ta' tranżazzjonijiet, jiġifieri, bejn dawk li setgħu jiġu evitati u dawk li ma setgħux jiġu evitati.

77. It-tielet, l-għan tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64 u d-dispożizzjonijiet li jagħmel parti minnhom jikkorrobora din il-konklużjoni. Ir-regoli dwar ir-responsabbiltà għal tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li jirriżultaw mit-telf, serq jew miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas għandhom l-għan li jibbilanċjaw l-interessi ta' min iħallas u tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas. Ikun kuntrarju għall-ibbilanċjar tal-interessi tal-partijiet kontraenti li l-portata tar-responsabbiltà titnaqqas b'tali mod li tkopri biss parti mit-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati. Dan idgħajjef ukoll l-għan li min iħallas jitħeġġeġ jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas mingħajr dewmien bla bżonn.

78. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' telf relatat ma' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li min iħallas ikun innotifika tardivament b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, min iħallas huwa mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tat-tranżazzjonijiet kollha mhux awtorizzati, u mhux biss tat-tranżazzjonijiet li setgħu jiġu evitati li kieku n-notifikazzjoni ma kinitx tardiva.

V Konklużjoni

79. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) kif ġej:

(1) L-Artikolu 58 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56, 60 u 61 tagħha,

għandu jiġi interpretat fis-sens li min iħallas huwa, bħala prinċipju, imċaħħad mid-dritt għar-rimbors tal-ammont ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata jekk huwa jkun innotifika jew hija tkun innotifikat din it-tranżazzjoni tard lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, għalkemm ikun għamel jew tkun għamlet dan fi żmien 13-il xahar mid-data tad-debitu. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64.

[40] Punti 32 u 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

(2) L-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64, moqri fid-dawl tal-Artikolu 56(1)(b) ta' dik id-direttiva,

għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' telf marbut ma' tranżazzjoni mhux awtorizzata li jirriżulta mit-telf, serq jew miżappropriazzjoni tal-istrument ta' ħlas jew mill-użu mhux awtorizzat tiegħu, min iħallas jiġi mċaħħad mid-dritt għar-rimbors biss jekk ma jkunx innotifika jew ma tkunx innotifikat b'intenzjoni jew b'negliġenza serja lill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.

(3) L-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2007/64,

għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' telf relatat ma' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati li min iħallas ikun innotifika tardivament b'intenzjoni jew b'negliġenza serja, min iħallas huwa mċaħħad mid-dritt għar-rimbors tat-tranżazzjonijiet kollha mhux awtorizzati, u mhux biss tat-tranżazzjonijiet li setgħu jiġu evitati li kieku n-notifikazzjoni ma kinitx tardiva.